# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 305/03 FDP**

Fl-ismijiet

**Raymond u Elizabeth konjugi Calleja**

**Vs**

**Supretendent ta' l-Isptar San Luqa u, b'digriet tal-24 ta' Novembru 2004 ġiet kjamata fil-kawża Dr Rachel Abela u b'digriet tal-11 ta' Llulju 2006 Dr Anthony Cutajar u l-PL Doreen Aquiliina ġew nominati biex jirrappreżentaw lill-assenti Dr Rachel Abela u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2019 id-Direttur għad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa assuma l-mansjonijet tas-Supretendent ta' l-Isptar San Luqa.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 7 ta' Marzu 2007, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    *Premess illi l-attur iddaħħal fl-Isptar San Luqa fil-15 ta' Marzu 2000 sabiex issir l-operazzjoni ta' l-appendiċite, liema operazzjoni saret mit-tabiba Rachel Abela.*

    *U premess illi bħala konsegwenza ta' dan l-intervent kirurġiku l-attur sofra danni fiżiċi f'ġismu, partikolarment f'dahru u f'żaqqu u dan minħabba negliġenza u imprudenza da parti tal-konvenuti.*

*Premess illi il-qagħda medika prekarja tal-attur ġiet ikkaġunata unikament u esklussivament mill-awtoritajiet ta' l-isptar illi naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jissalvagwardjaw is-saħħa ta' l-attur, u illi b'negliġenza professjonali u inosservanza ta' prassi u regolamenti stabbiliti, wasslu għal din il-kondizzjoni.*

*Premess illi wara illi kkaġunaw dan l-istat b'imprudenza, it-tobba u l-esperti mediċi ta' l-isptar San Luqa m'ottemprawx irwieħhom mal-obbliġi tagħhom u minflok ikkuraw jew ippruvaw jikkuraw lill-attur, issomministrawlu pilloli illi kellhom effett negattivi għall-aħħar u issomministrawlu injezzjonijiet illi ippeġġoraw il-qagħda medika tiegħu.*

*Premess illi bħala kawża ta' dawn l-iżbalji, l-attur ma jistax jaħdem u huwa kkunsidrat, għall-finijiet kollha tal-liġi, bħala 'disabled person'.*

*Premess illi, għalhekk, l-attur ma jistax jgħix ħajja normali iżda ikollu jimxi bil-krozzi, ma jistax ikollu relazzjonijiet sesswali ma' martu, u fuq kollox, ma jistax jaħdem fis-sengħa tiegħu, il-ġebel.*

*Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti jew min minnhom għaliex dina l-Qorti m'għandiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intervent kirurġiku fuq l-attur ma sarx skond l-arti, is-sengħa u l-professjoni u sar b'imprudenza, u b'negliġenza;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom naqqsu milli jagħtu l-kura u l-attenzjoni neċessarja lill-attur, partikolarment wara l-intervent kirurġiku;*

*3. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza ta' dawn l-iżbalji;*

*4. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi kif prevvist fl-artikolu 1427 tal-Kodici Ċivili;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom iħallas lill-attur dawk id-danni li jiġu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imgħaxijiet legali.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 8 ta' Marzu 2002.*

2. Rat illi fl-4 ta' Novembru 2003, is-Supretendent ta' l-Isptar San Luqa laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi: (fol 12)

*Illi preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante illi l-konvenut ma hux vestit bir-responsabbilta' ġuridika li qed jippretendu l-atturi.*

*Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju għal premess, huwa ma jirrispondix għad-danni pretiżi stante li dawn ma ġrawx tort ta' xi aġir jew nuqqas da parte tiegħu.*

3. Rat illi fl-1 ta' Novembru 2004 sar rikors għall-kjamat in kawża tat-Tabiba Dottoressa Rachel Abela, liema talba intlaqgħet fl-24 ta' Novembru 2004.

4. Rat illi fil-11 ta' Lulju 2006 inħatru kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u l-PL Doreen Aquilina sabiex jirrappreżentaw l-assenti kjamata fil-kawża.

5. Rat l-eċċezzjonijiet ta' Dr Anthony Cutajar u l-PL Doreen Aquilina, ppreżentati fit-22 ta' Marzu 2007, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti eċċezzjonijiet: (fol 43)

   1. *Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża.*

   2. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

6. Rat illi fit-13 ta' April 2010 Dr Rachel Abela tat ruħha notifikata bl-Avviż tas-smiegħ u fid-29 ta' April 2010 ippreżentat l-eċċezzjonijet tagħha fejn qajjmet is-segwenti difiżi: (fol 94)

*Illi preliminarjament il-kawża hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta' sentejn mid-data ta' intervent kirurġiku li allegat ikkawża d-dannu.*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess in-nullita taċ-ċitazzjoni stante li l-konvenut oriġinarjament identifikat mill-atturi kien s-Supretendent ta' l-Isptar San Luqa liema persuna ma hix persuna ġuridika stante li mħarrka fil-kapaċita' uffiċjali tagħha.*

*Illi l-kjamata in kawża ma tissanax tali nullita. Dan il-prinċipju ġie anke enfasizzat mill-Qorti ta' Appell Ċivili "f'kull każ, il-kjamata in kawża ma tistax isservi biex tikkonvalida proċeduri nullament proposti" – Ferrando vs Bianchi 12-5-2003 - u għalhekk Dr Abela għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess din il-kawża hija biss "fishing expedition" u dana stante li kif jiddikjaraw 1-atturi stess, il-"kjamata in kawża", jista' jkollha sehem fir-responsabbilita' għad-danni allegati.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

## Provi

7. Rat l-affidavit ta' **Raymond Calleja** ppreżentat fil-25 ta' April 2008. (fol 50)

8. Rat l-affidavit ta' **Elizabeth Calleja**, mart ir-rikorrent, ppreżentat fil-25 ta' April 2008. (fol 53)

9. Rat l-affidavit ta' **Antida Apap**, oħt ir-rikorrent, ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2008. (fol 58)

10. Rat l-affidavit ta' **Maria Dolores Mallia**, oħt ir-rikorrent, ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2008. (fol 60)

11. Rat ix-xhieda tal-**Professur Godfrey Laferla** meħud quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fid-9 ta' Frar 2009. (fol 67)

12. Rat illi fl-14 ta' Diċembru 2009 l-intimat, issa imsejjaħ Tabib Prinċipali tal-Gvern, ippreżenta l-file mediku tar-rikorrent. (fol 91)

13. Rat illi fis-27 ta' Mejju 2010, fuq talba tar-rikorrenti, ġie appuntat it-Tabib Kirurgu Anthony Zammit sabiex jeżamina r-rikorrent u jirrelata dwar persentaġġ ta' diżabbilta'.

14. Rat l-affidavit ta' **Dr Rachael Abela**, ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2010. (fol 103)

15. Rat l-affidavit ta' **Dr Marilyn Casha**, ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2010. (fol 106)

16. Rat l-affidavit ta' **Dr Norbert Vella**, ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2010. (fol 108)

17. Rat ix-xhieda ta' **Dr David Gatt** mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-17 ta' Novembru 2009 (fol 154) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentati, ossija dokumentazzjoni medika.

18. Rat ix-xhieda ta' **Dr Lina Janulova** mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-5 ta' Frar 2010. (fol 159)

19. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-5 ta' Frar 2010. (fol 161)

20. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Dr Norbert Vella illi saret fl-14 ta' April 2011. (fol 197)

21. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Dr Marilyn Casha illi saret fl-14 ta' April 2011. (fol 197)

22. Rat ix-xhieda ta' Dr Rachel Abela mogħtija fl-14 ta' April 2011. (fol 199)

23. Rat ix-xhieda tal-Espert Tekniku l-**Kirurgu Professur Anthony Zammit** mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 217)

24. Rat illi fuq talba tar-rikorrenti, l-Espert Tekniku intalab jagħmel rapport addizzjonali biex jistabbilixxi livell ta' diżabbilta'.

25. Rat illi fit-13 ta' Marzu 2014 l-Espert Mediku ippreżenta rapport addizzjoni. (fol 235A)

26. Rat illi, fuq talba tar-rikorrenti, fil-21 ta' Jannar 2015 ġew appuntati Periti Perizzjuri sabiex jirrelataw dwar il-każ.

27. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2018 l-Periti Perizzjuri Esperti Tekniċi Mr Massimo Abela, Mr Mark Portelli u Mr Ivan Esposito ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom. (fol 282)

28. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2018 il-partijiet iddikjaraw illi l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjoniet finali.

29. Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti talab lill-Qorti biex titlob lill-Periti Perizzju jirrelataw ulterjorment dwar il-persentaġġ tad-diżabbilta', liema talba intlaqgħet fit-8 ta' Ottubru 2018.

30. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2019, il-Periti Perizzjuri Esperti Tekniċi ippreżentaw ir-relazzjoni addizzjonali tagħhom. (fol 318)

31. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

32. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019 il-kawża tħalliet għas-sottomissjoniet rikorrenti, stante illi l-intimati kienu ppreżentaw is-sottomissjoniijet (fol 293) in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Ottubru 2018, u dana fl-4 ta' Marzu 2019.

33. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2019 ir-rikorrent reġa' talab lill-Qorti sabiex il-Periti Perizzjuri Esperti Teknici jerġgħu jirrelataw, liema talba ġiet miċħuda fl-14 ta' Novembru 2019.

34. Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrenti ippreżentati fil-25 ta' Novembru 2019. (fol 326)

35. Rat illi, finalment, fid-29 ta' Jannar 2020, wara għaxar snin, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

36. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

## Fatti tal-każ

37. Jirriżulta, mill-verżjoni tal-fatti kif prodotti mir-rikorrent, raġel ta' disgħa u erbgħin sena illum, illi fil-15 ta' Marzu tas-sena 2000, ossija meta kien għad kellu disgħa u għoxrin sena, huwa beda jħoss uġigħ f'żaqqu u, wara li mar għand it-tabib tiegħu, huwa ġie riferut ġewwa l-Isptar.

38. Jirriżulta illi kif mar l-Isptar, kien huwa ġie eżaminat u ġie stabbilit illi kellu infjammazzjoni tal-appendiċite, u għalhekk iddaħħal għal operazzjoni dakinhar stess.

39. Jirriżulta illi, wara xi jumejn jew tlett ijiem mill-operazzjoni, huwa ġie rilaxxjat mill-Isptar għalkemm huwa jikkontendi illi ġewwa l-Isptar huwa ħass saqajh rieqda.

40. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti beda jħoss uġigħ kostanti f'saqajh u beda jzappap kif ukoll ma setgħax jgħolli saqajh.

41. Jirriżulta illi sussegwentement, huwa reġa' mar l-Isptar u beda jingħata kura sabiex jittaffa l-uġigħ, iżda kien kollu għalxejn, għax xorta baqa' jsofri uġigħ f'saqajh kif ukoll f'affarjiet oħra.

42. Jirriżulta illi eventwalment saritlu intervent ieħor fuq insistenza tiegħu wara li mar għand it-tobba privatament, sabiex l-uġigħ jittaffa, iżda sfortunatament l-uġigħ baqa' hemm u spiċċa ġie klassifikat bħala 'Disabled'.

43. Jirriżulta illi r-rikorrent beda jinsisti mal-awtoritajiet illi huma kienu responsabbli tal-uġigħ illi kellu, stante illi saħaq li l-intervent tal-appendiċite li saritlu kkawżatlu ħsarat oħra riżultat ta' traskuraġni u negliġenza, liema operazzjoni kienet saret mill-intimata Dr Rachael Abela.

44. Jirriżulta illi r-rikorrent Rayond Calleja, illi kien jaħdem bħala bennej, ma baqax jaħdem u l-mara tiegħu biss baqgħet taħdem, filwaqt ili huwa għandu diffikulta' biex jimxi u juża l-krozzi.

45. Jirriżulta illi fit-8 ta' Marzu 2002 huma ippreżentaw Ittra Uffiċjali kontra d-Direttur Ġenerali ta' l-Isptar San Luqa u, eventwalment fis-7 ta' Marzu 2007 intavolaw il-proċeduri odjerni.

## Difiża

46. Jirriżulta illi l-intimat Supretendent ta' l-Isptar San Luqa qajjem żewġ difiżi, ossija illi l-azzjoni hija nulla għax hu ma huwiex vestit mir-responsabbilta' ġuridika filwaqt illi saħaq illi ma jistax jinsab responsabbli għax ma kien hemm ebda nuqqas da' parte tiegħu.

47. Jirriżulta illi, da parte tagħha, Dr Rachel Abela qajjmet tlett difiżi, ossija illi l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tagħha, illi l-azzjoni hija nulla għax indirizzata lejn is-Supretendent ta' l-Isptar li mhux responsabbli ġuridikament u illi fl-aħħar illi hija ma hija responsabbli ta' ebda danni allegati.

48. Jirriżulta illi, għalhekk, d-difiżi tal-intimati, huma kemm difiżi legali, kif ukoll difiżi fattwali.

49. Il-Qorti tosserva illi jkun facili għaliha illi tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet legali l-ewwel, iżda tħoss illi jkun opportun illi jiġu kunsidrati wkoll il-fatti tal-każ, u dana fl-aħjar interess tal-partijiet kollha sabiex jiġu stabbiliti ċerti fatti darba għal dejjem.

50. Jirriżulta illi, la darba l-vertenza kollha tirrigwarda allegazzjoni illi saret operazzjoni fuq ir-rikorrenti minn Dr Rachael Abela illi spiċċat wasslitu biex ikun disabbli, jkun opportun illi l-Qorti tagħti l-piz neċessarju lix-xhieda tal-varji tobba li ttellgħu jixhdu kif ukoll tal-Esperti mqabbda mill-istess Qorti.

## Provi mediċi

51. Jirriżulta illi r-rikorrent ipproduċa, bħala xhud tiegħu, lill-Professur Godfrey Laferla, illi kien il-Professur illi huwa mar għandu privatament wara li kien ilu jbagħti mill-uġiegħ u reġa' operah biex itaffilu l-uġiegħ.

52. Jirriżulta illi fix-xhieda illi l-**Professur Godfrey Laferla** ta fid-9 ta' Frar 2009 quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja ta' dak iż-żmien, għalkemm il-kwalita' tat-teħid tax-xhieda w it-traskrizzjoni hija ċertament mhux waħda idonea, joħroġ madanakollu li l-Professur wasal għas-segwenti konklużjonijiet meta ġie mistoqsi jekk sabx xi nerv maqbud, kif kien qed jissuspetta li seta' ġara wara l-operazzjoni tal-appendiċite li saritlu: (fol 73 sa 76)

> *"No, kull ma kien hemm dak l-iscar ...*
>
> *...*
>
> *Jiena għalija ma għandix l-ebda spjegazzjoni u lanqas ħa ngħidlek nies li huma ... għax jien genuine (probabbilment t-transciber ried jgħid 'general') surgeon, sewwa? Nies li huma speċjalizzati fuq dawn in-neuroloġija u fuq l-uġiegħ tad-dahar, lanqas huma ma sabux konklużjoni għax kieku sabu konklużjoni kieku kienu jippruvaw isolvuha.*
>
> *...*
>
> *Jekk ikun hemm xi nerve maqbud u inti taqtgħu, all right qtajtu, ikollu attache ta' loss of sensati imma l-uġiegħ imurlek ... (u f'dan il każ x'ġara?) ... Ma ġara xejn baqa' l-istess kif kien."*

53. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Professur Laferla wasal għal konklużjoni illi l-uġiegħ ma kellu ebda konnessjoni mal-operazzjoni tal-appendiċite u l-ferita ossija 'scar' illi kien hemm riżultat tal-operazzjoni.

54. Jirriżulta illi **Dr Norbert Vella**, Neurologu u prodott mill-intimati, kellu dan xi jgħid fl-affidavit tiegħu: (fol 109)

> *Jirriżulta mill-file illi Raymond Calleja żviluppa dak li nsejħulu "chronic pain syndrome", jiġifieri li beda jħoss uġiegħ b'mod kroniku. Sarulu diversi interventi fl-Isptar Mater Dei minn Speċjalisti fl-Uġiegħ liema interventi kienu bla suċċess għax xorta baqa' jgħid illi għadu jħoss l-uġiegħ. Ta' min jgħid illi l-uġiegħ ma hux lokalizzat għal parti ta' fejn saritlu l-inċizzjoni ta' l-operazzjoni iżda huwa qed anke jallega uġiegħ f'dahru u f'koxxtu, f'sidru u partijiet oħra ta' ġismu.*
>
> *Irrid ngħid illi jirriżulta mill-file li sarulu ħafna testijiet, kollha fl-Isptar tal-Gvern u fosthom kien hemm - "barium studies", "nuclear scans" ta' l-għadam u taż-żaqq, MRI tal-"lumbar spine". Dawn it-testijiet speċjalizzati ma wrew ebda pataloġija li tispjega l-ilment tal-pazjent.*
>
> *Mill-file jirriżulta wkoll illi sarulu anke eżamijiet kliniċi li bażikament jindikaw illi hemm "weakness" fir-right upper extremity". **Din id-djufija ma tista' bl-ebda mod tiġi attribwita għall-intervent kirurġiku li sar fuq il-pazjent, ċioe' għall-operazzjoni sabiex titneħħa l-appendiċite.***
>
> *Mill-file ma sibt ebda konnessjoni bejn l-ilmenti mqajjma mill-pazjent u l-operazzjoni li saret mill-kirurgu Rachel Abela.*

55. Jirriżulta għalhekk, illi anke skond in-Neurologu Dr Robert Vella, l-uġiegħ illi beda jsofri minnu r-rikorrent ma kellu ebda konnessjoni mal-operazzjoni tal-appendiċite.

56. Jirriżulta illi l-Qorti appuntat Espert Mediku sabiex jassistiha, ossija l-**Professur Anthony Zammit**, illi għamel is-segwenti osservazzjonijiet: (fol 226)

> *Since the age of eighteen, Mr Calleja has had repeated visits to outpatients and even treated as an in-patient at the Orthopaedics department. On all occasions his symptomatology continued for a longer period that normal and he was repeatedly off work for long period of time - longer than normal.*
>
> *In March 2000 he was operated upon for an acute appendicitis and since then he has been complaining of right iliac fossa pain which radiates to his lumbar region and down the anterior aspect of his right lower limb to his big toe region. He reported chills, night sweats and fever up to 101°F though these have not been verified at the several admissions under several consultants - general surgeon, orthopaedic surgeon, neurologist. He was also seen by a medical consultant for infectious diseases, a gastro-enterologist and a psychiatrist. He is now under the consultants at the pain clinic where pain treatment is being given. He stopped using psychiatric medication as it caused him constipation.*

*He has had extensive investigations for this condition. All blood investigations, repeated Ultrasound examination, repeated CT Scans, WBC, Gamma Scan, MRI, Barium studies were reported as normal.*

*The response to his weekly pain treatment has been variable though on the whole Mr Calleja did report some symptomatic improvement.*

*The examination did not reveal any definite pathology which could explain his symptoms.*

*Nerve entrapment during the suturing of an incision, which he allies to have happened is a definite complication though.*

*1. During his appendicectomy absorbable material was used to suture the Mc Burney's incision.*

*2. He underwent a scar excision at a later date. To note is that the same absorbable suturing material was used at this operation as in the first operation. This material Vicryl gives less of a fibrous reaction at the scar, but allows good, strong tissue healing to occur, it also has a less change to cause wound infections and act as a foreign body.*

*3. When a nerve is entrapped they symptoms occur distal to the entrapment.*

*4. The anatomical dermatome nerve distribution of the lower abdominal region is from T10 Til T12. This has nothing to do with the lumbar region and does not innervate the lower limb, more so "reaching to the big toe".*

*5. Nerve block and trigger point pain treatment alleviate the pain due to nerve entrapment for a definitive period of time. This has never been reported by Mr Calleja. In fact he reports minimal improvement after the administration of such a treatment.*

***Though accepting his symptoms, no correlation can be found between them and the appendicectomy performed via a Mc Burney's incision in 15.03.2000.***

*Mr Calleja has a long medical history since being eighteen years of age. On all occasions, where interventions had been performed his symptoms regarding pain had persisted longer than is normally usual.*

*It could well be the case that we are dealing with some sort of fibromyalgia — a well accepted condition where no pathological signs can be elicited and where extensive investigations are all reported as being normal.*

*It is therefore advisable that Mr Raymond Calleja should be seen by Prof Andrew Borg, Consultant Physician and Specialist in fibromuscular diseases.*

57. Jirriżulta illi, fuq insistenza tar-rikorrenti, l-Professur Zammit intalab jagħmel rapport ulterjuri, u din id-darba huwa kellu dan xi jgħid: (fol 235F)

*Għalkemm hemm ċertu diskrepanzi bejn dak li jallega is-Sur Calleja u dak li nstab fl-eżami mediku fiżiku tiegħu wieħed ma jistgħax ma jikkonoxxiex li hemm ċertu limitazzjonijiet fil-muvimenti tax-xewka tad-dahar li iżda mhux suppost li jwasslu għas-sintomi kolla li qed jiġu allegati.*

*Ma jiġix eskluż li hemm xi forma limitata ta' "fibromyalgia " f'dan il-każ.*

*Għalhekk meta jiġi kkonsidrat dan, kollox f'opinjoni tiegħi l-persentaġġ tad-diżabbilita' permanenti f'dan il-mument li minnu qed isofri s-Sur Calleja huwa dak ta' sitta fil-mija.*

58. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Professur Zammit reġa' kkonkluda illi ma kien hemm ebda konnessjoni bejn l-operazzjoni tal-appendiċite u l-uġiegħ illi kellu r-rikorrent filwaqt illi kkonċeda li, madanakollu, irrispettivament minn x'kien ikkawża l-ugiegħ, kellu attwalment diżabbilita' permanenti illi seta' jistabbiliha għall-persentaġġ ta' 6%.

59. Jirriżulta illi r-rikorrenti ma kinux kuntenti b'tali konklużjonijiet, u għalhekk ġew nominati tlett esperti mediċi oħra, ossija **Mr Massimo Abela**, **Mr Mark Portelli** u **Mr Ivan Esposito**, lkoll mgħallma u ta' esperjenza kbira fil-kamp tagħhom, bħax-xhieda ġia' fuq imsemmija.

60. Jirriżulta illi dawna l-esperti, wara illi eżaminaw kollox, waslu għas-segwenti konklużjonijiet: (fol 286)

*Raymond Calleja daħal l-Isptar San Luqa b'attakk ta' appendiċite akuta fit-13/03/2000. Saritlu operazzjoni biex titneħħa l-appendiċi, u minn dak inhar l'hawn baqa' jilmenta minn uġiegħ fil-parti ta' isfel ta' żaqqu u l-parti lombari tad-dahar. Minkejja li saru ħafna eżamijiet mediċi u investigazzjonijiet biex tiġi determinata l-kawża tal-uġiegħ, għad m'hemm l-ebda spjegazzjoni loġika għal dan.* ***Għaldaqstant l-opinjoni tagħna hi li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn l-operażzjoni biex titneħħa l-appendiċi u l-uġiegħ li qiegħed jilmenta minnu Raymond Calleja.***

*Raymond Calleja qalilna li jilmenta wkoll minn uġiegħ fl-irkoppa tal-lemin. Fl-24/10/1989, ħames xhur qabel l-operazzjoni biex titneħħa l-appendiċi, għamel operazzjoni fuq l-istess irkoppa (arthroscopy,*

> *arthrotomy, and drilling of osteochondral defect medial femoral condyle) għal bidu ta' artrite.* ***Għal darb' oħra dan l-uġiegħ fl-irkoppa mhux konness mal-operazzjoni biex titneħħa l-appendiċi.***

61. Jirriżulta għalhekk, illi dawna t-tlett esperti lkoll ikkonkludew illi l-operazzjoni tal-appendiċite illi kienet għamlet Dr Rachel Abela ma kellha ebda konnessjoni mal-uġiegħ illi minnu kien qiegħed ibagħti r-rikorrent Raymond Calleja.

62. Jirriżulta illi r-rikorrent, għal darba oħra, ma kiex kuntent bil-konklużjonijet ta' dawna t-tlett esperti, u għalhekk talabhom rapport addizzjonali fejn, saħansitra, talabhom jindikaw il-livell ta diżabbilita' in konnessjoni mal-intervent li minnu huwa jilmenta.

63. Jirriżulta illi l-abbli esperti, għal tali rikjesta, kellhom dan xi jgħidu: (fol 319)

> *Għalkemm Raymond Calleja jilmenta minn numru ta' sintomi dettaljati fir-rapport,* ***ma nistgħux insibu la konnessjoni mal-operazzjoni biex titneħħa l-appendiċi****, u saħansitra spjegazzjoni loġika għall-ilmenti tiegħu. Il-fatt li ma tajniex livell ta' diżabbilita' ma kienx bi żvista iżda għax fl-opinjoni tagħna* ***l-ilmenti ta' Raymond Calleja mhumiex relatati mal-intervent li għamel l-Isptar San Luqa****.*

64. Jirriżulta illi l-konklużjoni tal-abbli esperti ma setgħetx tkun aktar ċara minn hekk – ma hemm ebda ness bejn l-operazzjoni magħmula minn Dr Rachel Abela w l-uġiegħ li qed isofri minnu r-rikorrenti Raymond Calleja.

## Konsiderazzjonijiet dwar responsabbilta' medika

65. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, mill-atti kollha tal-proċess, jidher illi hemm sitt tobba mgħallma u mħarrġa fil-qasam tagħhom, illi lkoll jinsistu li ma hemm assolutament ebda ness bejn l-operazzjoni tal-appendiċite illi għamlet Dr Rachel Abela u l-uġiegħ fil-parti ta' isfel ta' żaqqu u fil-parti lombari tad-dahru.

66. Konfrontata b'tali konklużjonijiet identiċi minn sitt esperti fil-qasam tagħhom, il-Qorti ssibha ferm diffiċli illi tasal għal konklużjoni illi r-rikorrenti jixtieq illi hija tasal għaliha – ossija illi l-uġiegħ li għandu ġie kkawżat minn negliġenza da' parte ta' Dr Rachael Abela waqt illi kienet qed tagħmillu l-operazzjoni tal-appendiċite.

67. Ma huwiex kkontestat illi l-intimati għandu xi tip ta' diżabbilita', illi ġiet stabbilita mill-Professur Zammit fl-ammont ta' sitta fil-mija, iżda ċertament tali diżabbilita' ma tistax tiġi attribwita bl-ebda mod għall-operazzjoni illi saret fuq ir-rikorrent fil-15 ta' Marzu 2000 mill-intimata Rachel Abela, li għalhekk ma tista' qatt tinstab responsabbli għal nuqqas ta' l-arti, sengħa u professjoni kif ukoll imprudenza u negliġenza fl-intervent kirurġiku tagħha, kif allegat mir-rikorrenti.

68. Jirriżulta għalhekk illi la l-intimat Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa u wisq anqas Dr Rachel Abela ma jistgħu jinstabu responsabbli ta' xi nuqqas fil-konfront tar-rikorrenti Raymond Calleja.

## Konsiderazzjonijiet finali

69. Il-Qorti tosserva illi, qabel ma tgħaddi biex tikkonkludi l-kawża, jenħtieġ illi jiġu trattatti l-eċċezzjonijiet preliminari li qajjmu l-intimati, għal kompletezza tal-proċess ġudizzjarju.

### *Eċċezzjoni Preliminari tad-Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa*

70. Jirriżulta illi s-Supretendent tal-Isptar San Luqa, liema mansjonijiet sussegwentement ġew assunti mid-Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa, jikkontendi illi l-kawża odjerna hija nulla peress illi "ma huwiex vestit bir-responsabbilta' ġuridika".

71. Jirriżulta illi a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap 528 tal-Liġijiet ta' Malta,

> *(1) Għandu jiġi stabbilit Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa li l-missjoni tiegħu għandha tkun li jassigura l-operat u l-għoti ta' servizz tas-saħħa effettiv u effiċjenti, b'emfażi fuq sistemi ta' tmexxija kliniċi u korporattivi, fuq l-għoti tas-servizz u fuq l-evalwazzjoni kontinwa tal-kwalità, f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija kkontrollati u li jinvolvi s-sehem tal-persuni li jagħmlu użu mill-istess servizz.*
>
> *(2) Il-Kap ta' dan id-Dipartiment għandu jkun Direttur Ġenerali.*

72. Jirriżulta illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi r-responsabbilta' tat-tmexxija ta' l-Isptar San Luqa, u dak li jsir hemm ġew, jaqa' fil-mansjonijiet tar-responsabbilta' tad-Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa.

73. Għalhekk, tali eċċezzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

### *Eċċezzjoni Preliminari ta' Dr Rachel Abela*

74. Jirriżulta illi l-intimata Dr Rachel Abela eċċepiet illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta bit-trapass ta' sentejn.

75. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimata ma indikat ebda Artikolu tal-Liġi, hija presumibbilment kienet qed tagħmel referenza għall-Artikolu 2153 tal-Kap 16 li jgħid:

> *L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

76. Jirriżulta illi l-operazzjoni meritu tal-kawża odjerna saret fil-15 ta' Marzu tas-sena 2000.

77. Jirriżulta fit-8 ta' Marzu 2002, intbgħatet Ittra Uffiċjali lid-Direttur Ġenerali ta' l-Isptar San Luqa.

78. Jirriżulta illi ma ġie ippreżentat ebda att ġudizzjarju da parte tar-rikorrenti indirizzat lil Dr Rachel Abela, għalkemm ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu jikkontendi illi kien mgħarraf illi Dr Rachel Abela kienet għamlitlu l-operazzjoni.

79. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna saret fil-25 ta' Marzu 2003.

80. Jirriżulta, għalhekk, illi ladarba ma nġabet ebda prova illi l-intimata Rachel Abela ġiet interpellata Ġudizzjarjament entro t-terminu ta' sentejn preskritti mill-Liġi, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni timmerita illi tiġi milqugħa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa;

**Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat Direttur Ġenerali tas-Servizzi tas-Saħħa;

**Tilq'** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata Dr Rachael Abela;

**Tiċħad** it-talbiet attriċi kollha kif dedotti.

Spejjeż tal-proċeduri kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**